**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Avviz Nru. 355/2015MV**

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**vs**

**Sunson Company Limited (C27651)**

**Illum, 13 ta' Lulju, 2016**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Sunson Company Limited li jghid hekk;

> Illi l-esponenti giet notifikata b'ittra ufficjali numru 2898/2015 (kopja annessa u mmarkata DOK SCL1) u li permezz taghha l-Kummissarju intimat qieghed jitlob il-hlas ta' €971.15 bhala cens u lawdemju allegatament dovut mill-mittenti u dan fuq il-perjodu mid-19 ta' Lulju 2006 sat-18 ta' Lulju, 2016;
>
> Illi l-esponenti qieghed permezz tal-prezneti topponi fermament ghat-talba kontenuta fl-ittra ufficjali *de quo* hekk kif diretta fil-

konfront taghha u dan stante illi dina t-talba, inkluz id-dikjarazzjoni guramentata annessa mal-istess talba, hija kjarament infondata fil-fatt u fid-dritt u dana ghas-segwenti ragunijiet:

1) Illi in linea preliminari kwalsiasi talba ghal hlas ta' ammonti li jirrisalu ghal iktar minn hames snin ilu hija wahda kjarament preskritta ai termini tal-Artikolu 2156(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba hekk kif diretta fil-konfront tal-esponenti hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi s-socjeta' esponenti ilha li ttrasferiet il-fond de quo lil terzi 'il fuq minn tlettax (13)-il sena ilu, u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' bejgh atti Nutar Robert John Muscat tal-21 ta' Marzu 2002 (vera kopja ta' liema qed tigi annessa u immarkata Dok SCL2);

Ghaldaqstant, filwaqt li tirriserva li tressaq iktar provi u sottomissjonijiet, is-socjeta' esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara t-talba kontenuta fl-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi bin-numru 2898/2015 u ipprezentata nhar it-13 ta' Novembru 2015, bhala wahda infondata u illi konsegwerntemnet m'ghandha l-ebda effett fil-konfront tas-socjeta' esponenti.

Bl-ispejjez.

Rat illi l-Kummissarju ta' l-Artijiet ma pprezenta l-ebda risposta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u qieset il-provi u dokumenti kollha mressqa;

Rat illi fis-seduta tat-13 t'April 2016, il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrent intimat huwa kontumaci stante illi ma pprezenta l-ebda risposta ghat-talbiet tal-intimat rikorrenti. Illi din il-Qorti tifhem li dan huwa dovut ghall-fatt illi fit-28 ta' Dicembru 2015 l-istess Kummissarju rtira l-effetti tal-ittra ufficcjali li tat lok ghall-proceduri odjerni.

Illi permezz ta' nota tas-socjeta' ntimata rikorrenti tat-13 t'April 2016 is-socjeta' ntimata rikorrenti esebiet kopja legali ta' l-ittra ufficjali msemmija, kif ukoll nota fl-istess ittra, ta' l-istess Kummissarju ta' l-Artijiet intimat li permezz taghha rrevoka l-effetti tal-imsemmija ittra ufficjali.

Illi ghalhekk il-mertu tal-proceduri odjerni gie ezawrit b'dan l-att tar-rikorrent intimat u fadal biss il-kap ta' l-ispejjez.

Illi fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrent intimat, stante illi bi ftit aktar kunsiderazzjoni dawn il-proceduri setghu jigu evitati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiddikjara li l-ispejjez tal-proceduri odjerni huma a karigu tar-rikorrent intimat Kummissarju tal-Artijiet.

**(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur